MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 86/2002/1

**Edmund Barbara u Steve Barbara**

**Vs**

**Middle Sea Insurance plc**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex is-socjeta’ konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-atturi is-somma ta’ elfejn mija u zewg liri Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm2,102.94) rapprezentanti l-import ta’ *claim* maghmul taht *contractors all risks insurance policy* mas-socjeta’ konvenuta rigwardanti incident li sehh fis-27 t’ April 2001 liema somma tirraprezenta d-danni totali nieqes l-eccess skond l-istess polza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-interessi mit-12 ta' Lulju 2001 rapprezentanti d-data meta l-*claim* giet kwantifikata, li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta (fol 9 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

Preliminarjament il-fatt illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-polza assikurattiva, li tahtha qieghda ssir il-cliam relattiva, ma tkoprix id-danni kollha reklamati mill-atturi  Fil-fatt l-unika parti tal-claim koperta mill-istess polza taghti lok ghal risarciment ta' danni li, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza, ma jeccedux l-eccess tal-istess polza, u ghalhekk ma hija dovuta l-ebda somma lill-atturi mis-socjeta' konvenuta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 17 u fol 122 et seq ibid kif ukoll fol 61, fol 70 u fol 72 tal-istess atti in konnessjoni man-nomina bhala espert tekniku l-AIC Godwin Abela, li issottometta r-relazzjoni tieghu a fol 86 sa fol 97 ibid.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-"affidavit" sottomess taht gurament, mill-attur Edmund Barbara (fol 11 et seq ibid), hu u ibnu, l-attur l-iehor, Stephen Barbara, kienu ser jizviluppaw propjeta f'Santa Venera u, qabel ma nbeda x-xoghol ta' zvilupp, huma kienu ottjenew il-hrug ta' polza assikurattiva mas-socjeta' konvenuta, liema polza hi maghrufa bhala "Contractors All Risks Policy" u bdiet issehh mis-6 ta' Frar 2001.  A fol 17 et seq ibid tinsab esebita "specimen" tal-istess polza u fost ir-riskji koperti kien hemm "accidental loss of or damage to property belonging to third parties occurring in direct connection with the construction or erection of the items insured … and happening on or in the immediate vicinity of the site … "  (ara b) a fol 21 ibid). Sussegwentement, beda jigi skavat is-sit li jinsab f'kantuniera u b'faccata fuq zewg toroq.  Waqt l-iskavar li kellu jkun sa fond ta' ghoxrin pied (20), kienet tfaccat il-

parti ta' isfel ta' bir, forma ta' qanpiena u ".. li kienet lil hinn mill-plot tieghi" ossija".. li kienet tizbokka f'nofs it-triq" billi l-bokka tieghu kienet taht l-asfalt tal-istess triq. Filfatt, bhala konsegwenza ta'dan, mill-bir beda hiereg materjal uzat biex jintela' l-istess bir u sfrondat l-istess triq. Peress li l-Pulizija kienu qalulu illi dak li kien gara kien responsabbli ghalih l-istess xhud, hu kien ha l-passi kollha rimedjali mal-ewwel u ghamel dawk ix-xogholijiet kollha kif deskritti minnu a fol 12 ibid sakemm rega asfalta l-istess triq biex, b'hekk din giet fl-istess sitwazzjoni li kienet qabel ma gara dan l-incident. In konnessjonijiet mal-istess xogholijiet il-Perit Edgar Rossignaud (ara fol 14 et seq ibid u fol 27 ibid) kien hareg certifikat u kkwantifika l-ispiza fl-ammont ta' Lm2852.92, bhala ammont globali u dak mitlub fl-avviz jirrapresenta l-ammont dovut lilu wara li, tnaqqas l-eccess stipulat bejn il-partijiet (ara ukoll ix-xhieda ta' Jeandre Micallef skond l-"affidavit" a fol 15 ibid). L-istess attur esebixxa pjanta (fol 60 ibid) fejn jidhru kemm is-sit li kien qed jigi skavat u l-bir in kwistjoni.

Illi l-istess Edmund Barbara gie riprodott in kontro ezami mis-socjeta' konvenuta (fol 62 et seq ibid) u dan beda billi rrefera ghall-pjanta gja msemmija (a fol 60 ibid) u qal illi dak delineat bl-oskur kien sar minnu stess u rega' sosna illi "… l-bir in kwistjoni kien barra mill-art akkwistata minnu. . Dan (il-bir) kien jinstab il-barra mill-bankina tat-triq …" Inoltre "Meta konna ga skavajna "press a poco" dawk l-ghoxrin pied, konna skavajna xi ftit (minn pied sa zewg piedi) il-barra mill-'plot': Hu eskluda illi kien jaf, minn qabel, bl-esistenza ta' dan il-bir. Inoltre "… l-'base' tal-bir ma kienx jestendi ghall-gewwa l-'plot' li kont qed niskava". In rigward is-socjeta' konvenuta, hu kien informaha dwar l-akkadut, permezz ta' telefonata u dan sabiex jsir 'survey' ta' dak li kien gara'. Pero hadd ma kien gie da parti tas-socjeta' konvenuta ghal dan l-iskop hlief li kien gie Perit, mibghut mill-istess socjeta' konvenuta meta, pero ix-xogholijiet ta' riparazzjoni kienu, di gja, fi stadju avanzat. Inoltre hu sostna ukoll illi kien hemm pressjoni mill-Kunsill Lokali koncernat sabiex jigu riparati d-danni fit-triq. Dan il-Perit gie prodott u filfatt a fol 41 u fol 32 et seq ibid tinsab ix-xhieda tal-Perit Alfred Grech u "survey reports" sottomessi minnu u dan kkonferma illi s-sit, li kien qed jigi

skavat, jinsab bejn tlett toroq, kif muri a fol 36 ibid u f'rokna tieghu u fuq tnejn mit-toroq hemm il-bir in kwistjoni. Dwar dan hu jsostni illi parti mill-bir "… kien fis-'site' u parti …. fuq (taht) tnejn mit-toroq". L-istess Perit sosna illi kieku s-sit kien qed jigi skavat "metru metru gradwalment", … "wiehed seta' jinduna bil-presenza tal-bir" u ghalhekk seta' jigi evitat dak li gara. Jigi notat pero', illi l-istess xhud kien qal "… assumejt li l-bir (deskritt minnu bhala "antipatiku") kien jifforma parti mill-art tal-assikurat. Kieku dan il-bir ma kienx jinstab fl-art tal-assikurat kienet taghmel differenza fl-istima tieghu". Dwar dan il-punt cjoe jekk il-bir kien totalment o meno taht it-triq. Il-Perit Edward Rossignaud, riprodott, in kontro ezami (fol 67 et seq ibid) rega sostna illi l-bir kien totalment, il-barra mis-sit madwar tlett (3) metri, izda b'referenza ghall-bokka tieghu. Hu eskluda ukoll illi l-parti ta' isfel tieghu u li kienet f'forma ta' qanpiena "… kienet ukoll, tasal sal-'plot'. Hu ukoll sahaq, kontrarjament ghal dak li xehed ix-xhud precedenti, illi "… il-prattika hija illi l-iskavar jkun, xi ftit ta' distanza il-barra mill-'plot' madwar nofs metru".

Ikkunsidrat

Illi, ghar-raguni specifikata a fol 71 ibid, kien gie nominat l-espert tekniku msemmi u li ssottometta ir-relazzjoni tieghu in atti a fol 86 et seq ibid. L-istess Perit issottometta illi, kif jidher mis-'survey sheets' ufficjali a fol 97 u fol 98 ibid, ma kien hemm ebda indikazzjoni dwar il-presenza tal-bir in kwistjoni u dan avolja kienu saru "testholes" kif xehed il-Perit Egdar Rossignaud u gie skopert blat, biss. Inoltre l-kont tal-ispejjes in konnessjoni mat-tiswijiet li saru kien wiehed 'rejali u korrett".

Ikkunsidrat

Illi wara li gew konsiderati l-provi kif esposti w in-noti rispettivi u gja msemmija mill-partijiet, il-Qorti rat l-ewwel nett jekk hijiex gustifikata l-eccezzjoni sottomessa mis-socjeta' konvenuta u li biha qed issostni illi l-polza assikurattiva ma tkoprix id-danni kollha mitlubin. Il-qofol ta' din il-kwistjoni, filfatt huma l-kliem , gja citati, cjoe "accidental … damage to property belonging to third

parties occurring in direct connection with the construction or erection …. and happening on or in the immediate vicinity of the site …". Illi, biex tigi interpretata, din il-klawsola saret referenza ghall-artikolu 1002 sa 1009 tal-Kodici Civli u a bazi ta' dan jidher car illi, din il-klawsola tkopri, bhala riskju, id-danni li saru fuq propjeta appartanenti lill-terzi u marbutin u konnessi direttament ma' xoghol ta' kostruzzjoni li s'intendi jinkludi skavar ta' sit ghal dan il-ghan, u li graw u saru fil-vicinanzi mmedjati tal-istess propjeta.

Illi dwar dan il-punt sar hafna enfasi mis-socjeta' konvenuta illi l-bir minnha l-konfigurazzjoni tieghu ('qanpiena') kien "in parte" sitwat ossija taht il-propjeta tal-assikurat. Pero l-Qorti tara illi, fuq bazi ta' probabilta l-istess bir kien, filfatt, sitwat il-barra mill-istess sit u ghalhekk ghandu jigi konsiderat bhala appartenenti lil terzi persuni.

Illi l-istess hsarat kienu kawzati direttament mill-iskavar imsemmi li kien qed jsir fil-vicinanzi immedjati tal-istess bir, li kollassa u konsegwentment ikkawza l-kollas tat-triq.

Ikkunsidrat

Illi jidher car u evidenti illi l-bir inkwistjoni kien totalment mohbi u avolja saru "test holes" dan ma giex skopert u ghalhekk ma jistax jinghad illi l-atturi setghu, b'xi mod, jevitaw id-danni kagunati. Ghalhekk l-istess atturi ghandhom jigu konsiderati bhala li kienu qed jesegwixxu l-istess xoghlijiet bil-kawtela u prekawzjonijiet rikjesta mic-cirkostanzi tal-kaz cjoe li uzaw il-prudenza, diligenza u attenzjoni ta' "bonus pater familias".

Illi, dan premess, f'dan il-kaz ghandu jkun hemm risarciment mhallas lill-atturi a bazi tal-klawsola citata li fil-fehma tal-Qorti, hi certament, appikabbli ghal dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-'quantum' mitlub li minnu gja tnaqqas l-'excess' kollu jidher illi dak mitlub hu gustifikat pjenament tenut

kont ta’ dak li ssottometta l-istess espert tekniku kif hemm fuq citat u peress illi ma rrisultax illi l-attur ma imminimizzawx id-danni li saru f’dan il-kaz jew, illi l-atturi ma ppruvawx jaghmlu dan.

Ghal dawn il-motivi waqt li tichad l-eccezzjoni citata l-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta’ Lm2102.94 ossija €4898.53 bl-imghax legali mit-12 ta‘ Lulju 2001 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta’ dawn i-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------